Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 29

Data tal-laqgħa: 14 ta' April 2021

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan nżammet *online* permezz ta' *Skype,* nhar l-Erbgħa, 14 ta' April 2021 fl-4.00pm.

### PREŻENTI:
Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

29.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

29.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Nru. 28. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

29.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 29.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

29.3.1.1 Para 28.3.3 - Għassa tal-Pulizija
Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi risposta dwar it-talba li saret lill-Prim Ministru, għad-devoluzzjoni tal-binja tal-għassa ta' Ħal Balzan. Is-Sindku wieġeb li għadu ma rċeviex risposta.

29.3.1.2 Para 28.3.2
Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi *update*. Is-SE infurmat li għad m'għandniex *feedback* u ser terġa' tibgħat *reminders*.

## 29.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

29.4.1.1 *Bring-in-Site* f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina
Is-Sindku infurma li xi residenti qed jerġgħu jinsistu li jitneħħew il-kontenituri peress li xi ħadd tefa' xi skart madwarhom. Il-Kunsill irrimarka li dawn mhux ser jitneħħew minħabba okkażjoni waħda. Is-SE infurmat li l-LESA ġew infurmati b'dan il-każ u s'issa m'hemmx *feedback*. Il-Kunsill qabel li nerġgħu niktbu lill-LESA u nitolbuhom statistika ta' kemm waħħlu multi f'dawn l-aħħar xhur.

29.4.1.2 Il-Viċi Sindku infurma li r-Reġjun tawhom statistika ta' kemm inħarġu multi inġenerali, fejn Ħal Balzan f'dan ir-rapport ġie 0%. Ġie rrimarkat li mhux qed isir infurzar relatat ma' skart, ħmieġ u ndafa. Il-Kunsill qabel lis-Sindku jibgħat ittra lill-LESA (Greenpak ikunu kkupjati) biex jiġi kkjarifikat dan il-persentaġġ, meta jkollna numru konsiderevoli ta' ilmenti fil-lokalità u nitolbu aktar infurzar effettiv.

29.4.2.1 Skip privat li hemm fi Triq l-Annunzjata
Is-Sindku semma l-problema tal-iskip li hemm wara l-Knisja, fejn qed jintrema skart madwaru. Dan l-iskip huwa ta' 2 negozji kummerċjali fl-akwati u l-kollettur privat mhux qed ibattalha regolarment. Din il-problema ilha għaddejja snin u qed ikun ta' inkonvenjent kbir għar-residenti minħabba l-ammont ta' skart li qed jintrema madwaru. Ġie rrimarkat li l-kollettur tal-iskart tal-Kunsill mhux ser jiġbru peress li l-iskip privat għalhekk ser ninfurmaw lil tal-*Bulky Refuse* biex ineħħi l-iskart goff mormi. Il-Kunsillier Stephen Gatt ser jiltaqa' maż-żewġ negozji biex jinfurmhom bil-problema, fejn il-Kunsill ser jgħati l-aħħar ċans u jekk il-problema tibqa' tippersisti, l-iskip titneħħa.

29.4.2.2 Ġie nnutat ukoll li skond il-liġi, in-negozji kummerċjali kollha jrid ikollhom arranġament biex l-iskart jinġabar minn kollettur privat. Il-ħwienet kummerċjali kollha f'Ħal Balzan ser jiġu nfurmati b'dan l-obbligu u nissuġġerulhom biex jingħaqdu bejniethom u jaħdmu b'kollettur wieħed, dan biex l-ispiża għalihom ma tkunx drastika. Imbgħad sta għad-deċiżjoni tagħhom.

29.4.3.1 *Embellishment* tar-*roundabout* ta' Triq l-Għerusija
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li qed isibha diffiċli li jikseb tliet (3) kwotazzjonijiet għall-*embellishment* (*greenary*) tar-*roundabout,* fejn sab kumpanija waħda biss li lesta li tmur *onsite* biex tipprovdi l-kwotazzjoni.

29.4.3.2 Ser tinġieb din il-kwotazzjoni, u wara niktbu lill-żewġ (2) kumpaniji oħra biex ninfurmawhom biex sad-data stipulata, jibgħatulna kwotazzjoni abbażi tax-xogħol imniżżel fl-ewwel kwotazzjoni. Din il-kwistjoni tiġi diskussa aktar 'il quddiem.

29.4.4 Ġieħ Ħal Balzan 2021

Is-Sindku qal li diġà avviċinawh xi nies biex jistaqsu dwar lil min ser jingħata l-premju ta' Ġieħ Ħal Balzan din is-sena għalhekk, talab biex sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss, il-Kunsilliera jibgħatu n-nominazzjonijiet tagħhom.

29.4.5 Marki ħodor fuq tappieri f'Wied Ħal Balzan

Il-Viċi Sindku qal li riċentament saru xi marki ħodor fuq it-tappieri f'Wied Ħal Balzan (minn fejn il-*Pasta Factory* sal-*Pet Shop*), u għalhekk talab li niċċekkjaw dwarhom mal-persuna li qed nikkomunikaw magħha dwar il-problema tad-drenaġġ.

## 29.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

29.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 29.6 Rapporti

29.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 29.7 Tisbiħ tal-*Playing field*

29.7.1 Is-SE infurmat li ma setatx tiċċekkja mal-Perit dwar jekk huwiex possibbli li l-latrina preżenti, ssir *store*, u tinbena latrina ġdida fuq il-binja preżenti mingħajr ma jsir skavar. Dan minħabba azzjonijiet industrijali li għaddejjin bihom is-SE li ma jistgħu jagħmlu l-ebda komunikazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi.

29.7.2 Is-SE infurmat ukoll li wasal il-kont tal-Perit għall-preparazzjoni tal-estimi dettaljati, li jammonta għal kważi €11K. Is-Sindku rrimarka li kiku l-Perit tagħna indikazzjoni ċara tal-ispiża kapitali qabel meta bdejna naħdmu fuq dan il-proġett, il-Kunsill żgur li ma kienx jidħol għaliha. L-ispiża ndikata fil-bidu mill-Perit kienet ta' €250K, b'possibbiltà ta' varjanza ta' 25%. Kien għalhekk li l-Kunsill beda l-proċess biex iħejji l-pjanti biex isir il-proġett. L-istima dettaljata maħruġa mill-Perit qed tammonta għal ftit aktar minn €1M.

29.7.3 Il-Kunsill iddiskuta u f'dan ir-rigward, il-kont ma ġiex approvat. Apparti minn hekk, il-Kunsill qabel li ngħaddu l-estimi lill-*Contracts Manager* sabiex ikun jista' jivverifika l-figura għax l-istima hija għolja għal proġett propost.

## 29.8 Skemi Finanzjarji maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

29.9.1 Skema Finanzjarja Numru 6/2020 – Avveniment Soċjo Kulturali

Is-SE infurmat li minħabba l-azzjonijiet industrijali ma setetx tiċċekkja mar-Reġjun jekk il-kumplament tal-fondi jistgħux jintużaw biex isir dokumentarju li jkun *launched* permezz ta' *online event*.

29.9.2 Restawr tal-Madonna tar-Rummiena

Is-SE infurmat li l-istess japplika għal din il-kwistjoni, ma setetx tapplika minħabba l-azzjonijiet industrijali.

## 29.9 Fondi LESA – Proġetti fil-komunitajiet

29.9.1 Dwar is-suġġeriment li ħareġ fil-laqgħa li għaddiet, is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet miġbura mill-Kunsillier Stephen Gatt, għax-xiri ta' vann elettriku biex il-Kunsill ikun jista' joffri trasport nadif lill-anzjani. Is-servizz offrut ser ikun trasport għal affarijiet essenzjali għall-anzjani tal-lokal. Ser tkun qed tiġi mħejjija lista speċifika ta' postijiet li se jkunu inklużi f'dan is-servizz.

29.9.2 Is-SE infurmat li hemm bżonn ta' liċenzja tas-sewqan speċjali għax-xufier li ser ikun qed isuq il-vann. Kien hemm qbil li tinġieb kwotazzjoni għas-servizz ta' xufier sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika għal din l-iskema. Il-kwotazzjoni tax-xufier ser tintalab għal tmien (8) siegħat fil-ġimgħa, li jinqasmu fuq jumejn (erbgħa (4) siegħat, filgħodu kull ġurnata).

29.9.3 Il-Kunsill qabel ukoll li l-applikazzjoni tintbagħat mis-Sindku, peress lis-SEi qiegħdin fuq azzjonijiet industrijali.

## 29.10 SPI/SCI/02/2021 - Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex

29.10.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-kwotazzjonijiet biex jinbidlu r-*rubber mats* u l-*playing field equipment.* L-ammonti kwotati jaqbżu t-*threshold*, għalhekk l-ebda kwotazzjoni ma ġiet approvata. Fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill qabel li napplikaw għal din l-iskema biex jiġi ffinanzjat (85%) tal-ispiża. Il-kumplament tal-ispiża ser tkun qed tiġi ffinanzjata mill-Kunsill.

29.10.2 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni li tinkludi d-dettalji tal-proġett, kif ukoll id-dokumentazzjoni kollha mitluba fl-applikazzjoni.

29.10.3 Il-Kunsill permezz ta' riżoluzzjoni unanimament approva li jissottometti l-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li jilħaq jibda l-proċess biex tinħareġ sejħa għall-offerti għax-xiri tal-apparat tal-*playing field*. Peress lis-SEi qiegħdin fuq azzjonijiet industrijali, il-Kunsill qabel li l-applikazzjoni tintbagħat mis-Sindku.

## 29.11 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

29.11.1 <u>*LC Care Project Grant Scheme* 2020</u>
<u>Kwotazzjonijiet għat-tqassim tal-fuljett edukattiv</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-fuljett edukattiv jinsab lest. Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, kwotazzjoni għat-tqassim ta' dan il-fuljett. L-ispiża hija ta' €0.04 *per household*. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni u ser nitolbu biex preferibbilment il-fuljetti jitqassmu nhar ta' Sibt.

29.11.2.1 <u>Ilmenti dwar it-tneħħija ta' *parking bay* fi Triq il-Papa Alessandru VII</u>
Is-SE infurmat li numru ta' residenti qed jilmentaw għat-tneħħija ta' *parking bay* minn quddiem *drive-in* fi Triq il-Papa Alessandru VII. Is-SE spjegat li sid il-proprjetà ottjena permess mill-PA biex il-*front garden* jinbidel fi *drive-in*. Ġie nnutat li la darba għandu l-permess tal-PA, is-sid għandu d-dritt li jkollu aċċess it-tul kollu tad-*drive-in*, għalhekk il-*parking bay* ġiet imneħħija bl-approvazzjoni ta' TM.

29.11.2.2 Il-Viċi Sindku semma li fl-istess żona hemm applikazzjoni l-PA biex garaxx isir klinika. Jekk il-permess joħroġ, ser jintilfu żewġ *parking bays* żgur. F'dik iż-żona diġà hemm problema kbira ta' *parking* minħabba li hemm Casa Antonia. Il-Kunsill qabel li jdaħħal sottomissjoni għal dan l-iżvilupp biex qabel jieħdu deċiżjoni jieħdu in konsiderazzjoni l-fatt li fit-triq diġà hemm nuqqas kbir ta' *parking.* Apparti minn hekk, it-triq hija *dead end* u ser tkompli tiżdied l-attività f'din il-parti tat-triq.

29.11.2.3 Il-Viċi Sindku ser jikkoordina ma' Daniel biex jippreparaw l-ittra tas-sottomissjoni u tintbagħat lill-Kunsilliera għall-approvazzjoni.

29.11.3 <u>*Park Lane Project*</u>
Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li dan il-proġett jiġi inkluż fuq l-Agenda tal-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel.

29.11.4 <u>Ħaxix ħażin quddiem it-Tliet Knejjes</u>
Il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat li hemm bżonn li jitneħħa ħaxix ħażin (jiżloq) minn fuq il-bankina quddiem it-Tliet Knejjes. Se jiġi ċċekkjat jistax isir xi ħaġa biex jitneħħa.

29.11.5 <u>*Walking and Cycling Route*</u>
Il-Kunsillier Stephen Gatt infurma li dwar dan kellu laqgħa fejn ġie nfurmat li ġew magħżula 6 lokalitajiet (Ħal Balzan, Ħal Lija, H'Attard, l-Iklin, Birkirkara u l-Imrieħel), fejn ser ikunu qed joħolqu rotta (billi jitwaħħlu tabelli bi vleġeġ) bejn dawn il-lokalitajiet, destinazzjoni għall-Università. F'Ħal Balzan it-tabella ser tkun qed titwaħħal fil-Pjazza fejn il-*Bus Stop.* Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

29.11.6 Il-Kunsillier Stephen Gatt flimkien mal-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano attendew *online meeting* dwar kif gruppi ta' żgħażagħ ta' bejn 18 u 30 sena jistgħu jinvolvu ruħhom u jkunu ffinanzjata meta jagħmlu xi proġett b'risq il-komunità. Il-Kunsillier Stephen Gatt ser jinfurma lil taċ-Ċentru Żgħażagħ dwar dan.

## 29.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

29.12.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 04/21, li tinkludi l-ammont ta' €72.29c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Marzu 2021.

29.12.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 29.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

29.13.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.55pm.

29.13.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 27 ta' Mejju 2021 fl-4.00pm. Il-Kunsilliera qablu li l-laqgħa terġa' ssir *online*.

Konfermati, illum il-Ħamis, 27 ta' Mejju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |